# L-Ewwel Xagħra Bajda

*Ta'* Mary Meylak

WAĦDA mill--aktar ħwejjeġ li l-iżjed jaħsdu l-bniedem hija dik il-qatt milqugħa fatata, toħroġ qisha ruħ, tbajjad ġo nofs ta' rata' sewdieni, tagħti l-qrajja', tbeżża', twaħħax, tinkwieta n-nies, f'kelma waħda dik il-Ħares ta' Xagħra Bajda li lilna, biex ingħiduha kif inħossu, ilkoll kemm aħna tnizżlilna msarinna f'riġlejna u jiġi li jkun hemm min taqbdu suffejra regulari. U le! Hi m'hi xejn, naf!... Imma, ma tafx!... Il-fantasija tagħna għandu jkun tħobb tkabbar wisq, daqshekk, li minn did-daqsxejn **ta' xagħra**, f'għajnejna npinġu minnha l-ħabel tal-forka. Dan isir mhux meta tidher xi xagħra bajda fi tfulitna, għax b'din in-nies tifraħ għax tgħid li ġġib ir-rizq. Il-għawġ u d-dwejjaq li rrid infisser jien, huma dawk li nħossu, meta tidher ix-Xagħra l-Bajda ta' bejn il-għoxrin u t-tletin jew ta' bejn it-tletin u l-erbgħin.

Għax ftit qabel jew ftit tard, ix-Xagħra l-Bajda tasal żgur, min jibqa' ħaj! U ssewwed il-qalb u ma ssewwidx ikollna niftħulha l-bieb beraħ u nitqannew biha. Id-dinja tiftaħar tant li ma joqgħodx dubbien fuq imnieħirha, x'fettlilha did-darba lil dix-Xagħra l-Bajda qatt ma rat kif eżiljata, inkella għallinqas waħħlitha multa 'k terġa' titfaċċa 'l hawn, forsi ma tafx kif tibża' u tidħol f'qoxritha darba għal dejjem! Jisgħobbija tassew nara dal-għali kollu jissawwar imħabba fiha!... Tarah kulħadd jibda sejjer quddiem il-mera u jikkonsulta bejnu u bejn ruħu fuqha, lanqas li kienet hi l-kaptana li qiegħda tmexxi t-tmun ta' ħajjitna, jew negħerqu jew inċafċfu, u minnha jiddependi kollox! Qisha għalina l-frosta li tkeċċina minn ġol-ġenna taż-żgħożija daqs dak is-sejf tan-nar li keċċa lil Adam u 'l Eva mill-ġenna ta' l-art. Ittellifna u tisfrattalna l-Eden ta' l-erbat ijiem ta' ħajjitna, titfi l-għors ta' żmienna, tgħibilna t-tbissima u tfiġġilna t-tikmixa, tmajnalna t-tamiet ta' qalbna, tiftħilna għajnejna bi xfar il-qasba. Din aqwa mid-darsa tal-għaqal!

Ma' l-Ewwel Xagħra Bajda nsibuna fuq il-għatba tax-xjuħija, hi iggranfata magħna u ma tridx titlaqna u aħna nagħmlu ħilitna kollha biex niżgiċċaw. Imma x'tiżgiċċa! Hi nirraha mbierka għad li rqiqa, torbot tajjeb aktar minn gumna! Donnha x-xjuħija b'dix-Xagħra Bajda qiegħda torbotna minn saqajna u

tqegħidna nperpru hemm skantati f'salib it-toroq, ħerġin minn triq iż-żgħożija u deħlin biex naqbdu triqitha. Aħna skantati u mbikkma u lanqas biss nifilħu l'eħħnu kelma, imma kulħadd qed igħid f'qalbu : "Imma kif igħaddi ż-żmien! Donnu l-bieraħ kont tfal!" U lanqas nilħqu nfennu l-kelma li ma nħossux li x-Xagħra l-Bajda qatgħet l-ingassa tas-sentenza u f'leħħa ta' berqa firditna għal għarrieda mit-tagħqid ta' żewġ naħiet u pespsitilna ġo widnejna : "La morna, morna!"

L-iffaċċar ta' l-Ewwel Xagħra Bajda huwa wieħed mill-aktar mumenti solenni ta' ħajjitna. Solenni u funebri... Ara tmerrini! Jekk tgħidu li ma tħossux dan, ingħid li mintomx sinċieri. Dak il-ħin kulħadd iħoss għoqda telgħet fi griżmejh. Kif il-maħmieha ħassejna li donnu ġie xi ħadd u ngassalna isimna mill-għajnejn ta' l-ammiraturi tagħna. Ħassejna li aħna issa armajn żejdin fis-swali u fil-ballijiet, għax, kliem bejnietna, ta' tmintax l-imfittxija, ta' tmintax il-blanzuni, il-ħawħ u t-tuffieħ, ta' tmintax it-tfajliet sbieħ! U nħossuna diġà qalb dak id-daħk u ċ-ċaċċrar tas-soċjetà, it-tfajliet ħafna figurini belli u aħna figuraċċi antikalji, u narawna diġà mgħabbrin u nistgħu nitilgħu fuq l-ixkaffi.

Ara kemm hu minnu dan li qed ingħid, jiġifieri li kulħadd iħoss xorta għal dix-Xagħra l-Bajda, ara kif ħadd ma jiflaħ għaliha! Skond l-istatistika ta'-kalklu tiegħi, disgħa u disgħin fil-mija tan-nies tad-dinja huma kollha assassini u qattiela minħabba fiha. Ibda minni! Issa jekk tridu twassluni, wassluni! Jiena dnubi nistqarru! L-Ewwel Xagħra Bajda, kulħadd, kulħadd, malli jaqbadha, arah sejjer għal-l-imqass, u miskina, jaqtgħalha rasha. Qatt ma sar ħaqq minn ħadd fuq it-tneħħija ta' ħajjitha, imma hi donnha titlob vendetta minna u taslilna qliel fuq rasna. Donnha tfaqqas toħroġ il-għaġeb! Sa l-għada fil-għodu flok waħda nsibu sitta tfaċċaw 'l hawn u 'l hemm u nżidu kuljum. F'qasir żmien insibuna mżewqa ġmielna, rasna titgermed u tiggriżja, u aħna niżbgħu u nġibu 'l min jiżbogħ!... Imbagħad tgħiduli li mhux kulħadd jeħodha bi kbira, din l-affari ta' l-Ewwel Xagħra Bajda!?.. Kieku daqshekk taħbit u nfiq ta' flus biex nerġgħu niskuraw xagħarna? U kieku daqshekk self ta' xahar minn naħa għal oħra, malli l-qorriegħa tibda titfartas?

Imma jeħtieġ, fl-aħħar mill-aħħar, indawru kollox għaċ-ċajt flok għall-buri. Ir-ras, din hi l-assjoma tagħha, u l-assjomi huma

ħwejjeġ stabbiliti, narawhom b'għajnejna. Ir-ras bil-fors bajda trid issir. Jew bit-tfartis inkella bix-xagħar abjad, minn hemm trid tgħaddi u biex nifhmu dan ma jinħtieġux provi; ix-xeni ta' kuljum huma "*Quod erat demonstrandum*".